MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1514/2002

***Simonds Farsons Cisk PLC***

***vs***

***Omar Abela***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u erbghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm246.53c) rappresentanti bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut f'diversi okkazzjonijiet mis-socjeta' attrici, fuq ordni ta'l -istess konvenut u dana skond *statement* anness ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-10 ta' Novembru 1999 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u erbghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm246.53c), bl-imghax legali mill-10 ta' Novembru 1999.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**